MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-9 ta' April, 2025

Appell Inferjuri Numru 78/2024 LM

**Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) f'isimha proprju u għan-nom u in rappreżentanza ta' Enemalta p.l.c. (C 65836) u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma**
*('l-appellati')*

***vs.***

**Elia Balzan (K.I. numru 219560(M))**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Elia Balzan (K.I. numru 219560(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] minn deċiżjoni tal-Arbitru [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta [minn issa

’l quddiem ‘iċ-Ċentru’] tal-21 ta’ Awwissu, 2024, [minn issa ’l quddiem ‘il-lodo arbitrali’], li permezz tiegħu ddeċidiet il-pretensjonijiet tas-soċjetà rikorrenti **Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) f’isimha proprju u għan-nom u in rappreżentanza ta’ Enemalta p.l.c. (C 65836)** u **l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma** [hawnhekk flimkien ‘l-appellati’], billi ddikjarat li:

> *“...qiegħda tilqa’ t-talba tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimat Elia Balzan li qiegħed jiġi ordnat iħallas l-ammont ta’ sebgħa u għoxrin elf, tmien mija u għoxrin ewro u disgħa ċenteżmi (€27,820.09ċ), u kif ukoll l-ispejjeż kollha ta’ dan l-arbitraġġ u l-imgħaxijiet legali kollha kif mitluba fl-Avviż tal-Arbitragg, kontra l-istess intimat.”*

**<u>Fatti</u>**

2. L-appellant huwa l-utent reġistrat fuq il-kont tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma numru 101000266868 tal-fond bl-isem ‘Farmhouse’ in Alley, Triq Dun Vincenz Fenech, Birżebbuġa, [minn issa ’l quddiem ‘il-fond’] liema kont kien jservi użu residenzjali. L-appellati qegħdin isostnu li hemm kont pendenti dovut mingħand l-appellant ta’ disgħa u għoxrin elf, sitt mija u disgħa u disgħin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmi (€29,699.46) rappreżentanti konsum ta’ elettriku u/jew ilma, kera tal-arloġġi relattivi, spejjeż amministrattivi, *connection* u *disconnection fees,* u anki imgħax bir-rata ta’ sitta fil-mija (6%) kull sena.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellati b’hekk ippreżentaw Avviż tal-Arbitraġġ u Dikjarazzjoni tat-Talba fiċ-Ċentru, fejn talbu lill-Arbitru għal:

*"1. Kundanna għall-ħlas mill-intimat tal-ammont ta'* ***disgħa u għoxrin elf, sitt mija u disgħa u disgħin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€29,699.46)*** *rappreżentanti kontijiet pendenti għal konsum t'elettriku u/jew ilma, kera ta'* meters *tal-elettriku u/jew ilma, spejjeż amministrattivi,* connection *u* disconnection fees *u imgħax bir-rata ta' 6% kull sena relatati mas-servizzi utili mogħtija fil-fond* ***'Farmhouse' in Alley, Triq Dun Vinċenz Fenech, Birżebbugia*** *bin-numru* ***101000266868*** *flimkien mal-ispejjeż ta' din il-proċedura.*

*2. Ordni għall-ħlas tal-ammont ta'* ***disgħa u għoxrin elf, sitt mija u disgħa u disgħin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€29,699.46)*** *rappreżentanti kontijiet pendenti għal konsum t'elettriku u/jew ilma, kera ta'* meters *tal-elettriku u/jew ilma, spejjeż amministrattivi,* connection u disconnection fees *u imgħax bir-rata ta' 6% kull sena relatati mas-servizzi utili mogħtija fil-fond* ***'Farmhouse' in Alley, Triq Dun Vincenz Fenech, Birżebbugia*** *bin-numru* ***101000266868****, flimkien mal-ispejjeż ta' din il-proċedura".*

Permezz ta' nota ppreżentata fil-11 ta' April, 2022, l-appellati rriduċew il-pretensjoni tagħhom għal sebgħa u għoxrin elf tmien mija u għoxrin Euro u disgħa ċenteżmi (€27,820.09).

4. L-appellant wieġeb fil-14 ta' Diċembru, 2021, fejn eċċepixxa s-segwenti:

*"1. L-ammont huwa preskritt b'terminu ta' ħames (5) snin;*

*2. L-intimat ma għamilx konsum tal-ammont mitlub u għalhekk mhux dovut;"*

## Il-Lodo Arbitrali Appellat

5. Sabiex waslet għad-deċiżjoni tagħha, l-Arbitru għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

*"Kunsiderazzjonijiet*

*L-Arbitru fl-ewwel lok tosserva li l-intimat ressaq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, iżda naqas li jindika taħt liema Artikolu tal-Liġi qiegħed jinvoka l-preskrizzjoni. F'dan l-*

*istadju issir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) Futura Home Appliances vs John Peresso (16/03/2005) fejn ġie ribadit:*

> Meta tigi invokata il-preskrizzjoni huwa meħtieġ li jiġi indikat l-artikolu partikolari u jekk ikun hemm diversi sub-inċiżi distinti li jipprospettaw preskrizzjoni għal tipi diversi ta' azzjonijiet, is-sub-inċiż partikolari ikun irid jiġi invokat. Mhux biżżejjed li ssir referenza għat-terminu preskrittiv. Il-qorti ma tistax tagħmel tajjeb hi għal tali nuqqas billi ma tistax tqajjem il-preskrizzjoni ex ufficio.

*Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni qed tiġi riġettata.*

*Illi l-intimat ippreżenta diversi dokumenti fl-atti ta' dan l-Arbitragg, fosthom sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) Elia Balzan vs Korporazzjoni Enemalta li fil-mori tal-proċeduri saret Enemalta plc (28/03/2017) u diversi irċevuti ta' pagamenti vversati lis-soċjetà rikorrenti.*

*Illi l-Arbitru ħadet konjizzjoni tad-dokumentazzjoni eżebita mill-intimat, kif ukoll tad-dokumentazzjoni eżebita mis-soċjetà rikorrenti, senjatament tal-kont finali u l-prospett ta' pagamenti fuq l-istess kont. Minn analiżi ta' tali dokumentazzjoni jirriżulta li l-ammont reklamat huwa ulterjuri għal ammont li hemm referenza għalih fis-sentenza datata 28 ta' Marzu 2017 tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), u għalhekk ma taqbilx mat-teżi avvanzata mill-intimat li tali ammont kien diġà ġie meħud in konsiderazzjoni preċedentement.*

*Illi l-Arbitru tosserva wkoll li l-intimat jirrileva li l-ammont reklamat huwa eċċessiv, u li dan aktarx tali ammont huwa riżultat ta' arloġġ li huwa difettuż. L-Arbitru tagħmel referenza għal lodo arbitrali EW 6307/2021 ARMS Ltd pro et noe vs Lemesre Claude Francois Jacques, fejn ġie stabbilit li huwa preżunt li l-arloġġ li bih jitkejjel l-konsum tal-utilitajiet huwa korrett u funzjonanti, u l-prova kuntrarja tispetta li min jallega li dak l-arloġġ ma jiffunzjonax. L-intimat naqas li jġib tali prova li l-arloġġ mhux jiffunzjona korrettement, u ma jidhirx li kien hemm talba sabiex tali arloġġ jiġi eżaminat minn persuna teknika.*

*L-Arbitru, wara li semgħet ix-xhieda u rat d-dokumenti eżebiti fl-atti ta' dan l-Arbitraġġ, hija tal-fehma kunsiderata li t-talba tas-soċjetà rikorrenti Automated Revenue Management Services Limited f'isimha propju u għan-nom u in rappreżentanza ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma hija ġustifikata u timmerita konferma, u dan għal ammont ta' sebgħa u għoxrin elf, tmien mija u għoxrin ewro u disgħa ċenteżmi (€27,820.09ċ).*

*Għaldaqstant, in vista tal-premess, l-intimat qiegħed jiġi ordnat iħallas l-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf, tmien mija u għoxrin ewro u disgħa ċenteżmi (€27,820.09ċ), u kif ukoll l-ispejjeż kollha kif mitlub fl-Avviż tal-Arbitraġġ kontra l-istess intimat."*

**L-Appell**

6. L-appellant appella mil-lodo arbitrali quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors ntavolat fit-2 ta' Settembru, 2024, fejn qiegħed jitlobha sabiex "...*tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tilqa' għall-eċċezzjonijiet u l-aggravji tal-appellanti; Bl-ispejjeż."*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (i) l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kellha tintlaqa'; u (ii) l-Arbitru naqset li tappunta perit tekniku sabiex janalizza l-*meters* in kwistjoni.

7. L-appellati wieġbu fit-13 ta' Settembru, 2024, fejn talbu sabiex l-appell odjern jiġi miċħud u l-lodo arbitrali kkonfermat, bl-ispejjeż doppji u ħlas ta' penali kontra l-appellant.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji li qiegħed iressaq l-appellant, u dawn fid-dawl tas-sottomissjonijiet tal-appellati, u ta' dak li ddeċidiet l-Arbitru.

9. *L-ewwel aggravju* tal-appellant huwa li l-Arbitru mill-ewwel warrbet l-eċċezzjoni tiegħu ta' preskrizzjoni, għaliex skont hi ma kienx indika l-artikolu relattiv. Jikkontendi li huwa kien għamel ċar fl-eċċezzjonijiet tiegħu, li l-

preskrizzjoni li kien qiegħed jeċċepixxi kienet dik ta' ħames snin, li hija dik kontemplata taħt il-para. (f) tal-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili. L-appellant jissottometti li meħudin in konsiderazzjoni d-dati tal-konsum kif indikat fir-rendikonti, kien ċar li l-ammont pretiż huwa preskritt, u għalhekk l-eċċezzjoni tiegħu kellha tintlaqa'.

Dwar *it-tieni aggravju*, l-appellant jsostni li l-Arbitru hawnhekk ikkunsidrat kwistjoni teknika mingħajr ma appuntat perit tekniku sabiex janalizza l-*meters* in kwistjoni. Hija fid-deċiżjoni tagħha osservat li *"... ma jidhirx li kien hemm talba sabiex tali arloġġ jiġi eżaminat...",* iżda biżżejjed li jiġi kkunsidrat il-fatt li l-appellati biddlu l-ammont pretiż diversi drabi sabiex wieħed jifhem li huma għandhom problema fl-ikkalibrar tal-ammonti li allegatament huma dovuti mingħandu. L-appellant jissottometti li l-intimati ma ġabu l-ebda prova sabiex juru li l-allegazzjoni tiegħu kienet skorretta. Jirrileva li l-Arbitru saħansitra għamlet aċċess fil-fond sabiex tikkonferma jekk l-apparat hemmhekk setax iwassal għall-kontijiet li huwa kien irċieva, u jistaqsi x'kienet ir-raġuni sabiex sar l-imsemmi aċċess. Fil-kumment aħħari tiegħu, l-appellant jinsinwa li f'każijiet bħal dak odjern, donnu hemm motivazzjoni għall-Arbitru li jkun qiegħed jiddeċiedi l-każ, sabiex jiffavorixxi lill-appellati.

10. Min-naħa tagħhom għal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju, l-appellati jikkontendu li skont il-ġurisprudenza min jallega l-preskrizzjoni huwa tenut li jindika l-artikolu tal-liġi li qiegħed jistrieħ fuqu. Filwaqt li jiċċitaw dak li qalet din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Marzu, 2005, fl-ismijiet **Futura Home Appliances *vs.* John Peresso**, App. Inf. 817/2002, isostnu li l-eċċezzjoni li ta l-appellant ma setgħetx tirnexxi mingħajr riferiment

għall-artikolu relattiv tal-liġi. Fil-mertu, l-appellati jissottomettu li jirriżulta li l-appellant kien għamel pagamenti akkont, u għalhekk kwalunkwe terminu preskrittiv kien ġie interrott, u dan fejn l-obbligi tal-ħlas kien ġie kristallizzat permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, tat-28 ta' Marzu, 2017, fl-ismijiet **Elia Balzan *vs.* Korporazzjoni Enemalta li fil-mori tal-proceduri saret Enemalta p.l.c**., App. Inf. 16/2015 fejn huwa kien ġie kkundannat iħallas l-ammont ta' elfejn ħames mija u wieħed Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€2,501.25). B'riferiment għax-xhieda ta' Luana Balzan u ta' mart l-appellant, l-appellati jirrilevaw li filwaqt li dawn stqarrew li ma kienux qegħdin jaqblu mal-ammont pretiż, huma qablu li kien hemm xi ammont li huwa dovut. Jgħidu li madankollu l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ma kinitx ingħatat effett, u għalhekk ma tistax tiġi milqugħha. Għal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju tal-appellant, l-appellati jikkontendu li s-sottomissjonijiet tiegħu hawnhekk huma fiergħa u fattwalment u legalment skorretti. Jgħidu li jekk l-appellant dehrlu li l-arloġġi tad-dawl u/jew tal-ilma ma kienux qegħdin jiffunzjonaw, kien jispetta lilu li jitlob għall-ħatra ta' espert tekniku, għaliex wara kollox minn jallega għandu jġib prova ta' dak allegat. L-appellati jgħidu li għalhekk l-Arbitru kienet korretta meta ddikjarat li fl-ebda ħin ma kienet saret talba għall-ħatra ta' espert tekniku, jew sabiex isir xi test fuq l-arloġġ. Huma jagħmlu riferiment għal dak li qal l-Arbitru llum l-Imħallef Dr Mark Simiana fil-lodo arbitrali ARBEW6307/2021 ARMS Ltd *pro et noe vs*. Lemesre Claude Francois Jacques, fejn ingħad li l-arloġġ tas-servizzi huwa preżunt li huwa korrett u li jiffunzjona, u għalhekk il-prova kuntrarja tispetta lil min jallega l-kuntrarju. Għal dak li jirrigwarda s-sottomissjoni tal-appellant fir-rigward tal-ħruġ ta' kont rivedut, jispjegaw li dan sar għaliex inħareġ kont attwali, u wara kollox l-

appellant qatt ma kien ilmenta dwar ir-riduzzjoni fl-ammont pretiż. Dwar l-aħħar kumment tal-appellant, fejn huwa jitfa’ dubju dwar l-imparzjalità u l-indipendenza tal-Arbitru, l-appellati jisħqu li kummenti bħal dawn għandhom jiġu ċċensurati, u dan ukoll meħud in konsiderazzjoni li kien iċ-Ċentru li nnomina lill-Arbitru wara nuqqas ta’ qbil min-naħa tal-partijiet.

11. Il-Qorti tikkunsidra li l-lodo arbitrali huwa tajjeb. L-Arbitru kkunsidrat fl-ewwel lok l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li kienet saret min-naħa tal-appellant. Osservat li huwa kien naqas milli jindika l-artikolu tal-liġi li huwa kien qiegħed jistrieħ fuqu, u għalhekk korrettement ċaħdet din l-eċċezzjoni tiegħu wara li ċċitat dak li qalet din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Futura Home Appliances *vs.* John Peresso**. Il-Qorti tgħid li huwa ferm stabbilit fil-ġurisprudenza, li wieħed mir-rekwiżiti sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, huwa li min jissolleva dik l-eċċezzjoni, għandu jindika wkoll l-artikolu relattiv għall-eċċezzjoni tiegħu. L-appellant dan m’għamlux, u għaldaqstant ma jistax jippretendi li l-Arbitru kellha tissana n-nuqqas tiegħu.

12. L-Arbitru mbagħad ikkunsidrat l-allegazzjoni li kien qiegħed iressaq l-appellant dwar l-arloġġ difettuż. Hija ħadet konjizzjoni ta’ dak li ġie rilevat mill-Arbitru fil-lodo arbitrali EW 6307/2021 fl-ismijiet **ARMS Ltd pro et noe *vs.* Lemesre Claude Francois Jacques**, u ġustament irrilevat li l-appellant kien naqas li jressaq prova dwar l-arloġġ difettuż, u anki ma kienx irriżulta li huwa kien għamel talba sabiex l-imsemmi arloġġ jiġi eżaminat minn persuna teknika. B’hekk l-Arbitru kkunsidrat li t-talba tal-appellati kienet ġustifikata u kellha tiġi kkonfermata fis-somma ta’ sebgħa u għoxrin elf tmien mija u għoxrin Euro u disa’ ċenteżmi (€27,820.09ċ). Filwaqt li l-Qorti tgħid li hija tikkondividi r-

raġunament tal-Arbitru u tagħmlu tagħha, issib li m'hemm xejn li għandha żżid miegħu jew li għandu jiġi ċċensurat fil-lodo arbitrali.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiċħad l-appell tal-appellant, filwaqt li tikkonferma l-lodo arbitrali fl-intier tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-preżenti proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**